

# Duminku Mintoff Iżżewweġ fiż-Żejtun

Il-Kan. Dun Joe Abela



Nhar il-Ġimgħa l-Kbira tas-sena l-oħra li ħabtet fis-6 t' April 2012, jien bħalma drajt issa nieħu pjaċir nagħmel, stedint lil xi ħbieb tiegħi kemm miż-Żejtun u wisq aktar minn barra ż-Żejtun biex nieħdu postna mat-turisti filwaqt li ngawdu l-purċissjoni sabiħa u spettakolari tal-parroċċa tagħna. Konna bilqiegħda viċin il-knisja parrokkjali tagħna u malli l-purċissjoni spiċċat għaddejja minn quddiema, ħbiebi bdew ifittxu li jmorru lura lejn djarhom barra miż-Żejtun. Wieħed minn dawn il-ħbieb kellu l-karozza pparkjata fi Triq id-Duluri viċin Triq Santu Wistin fejn noqgħod jien. Meta mort miegħu għall-karozza, nara grupp ta' nies miġburin madwar Duminku Mintoff u Wistin Abela, il-kuġin tiegħi. Kien eżattament għadha kif spiċċat għaddejja l-purċissjoni minn quddiemhom għaliex kienu marru hemm apposta biex jarawha. Ma' Mintoff kien hemm ukoll bintu Jana. Jien ersaqt viċin tagħhom u ħabib ieħor ħadli ritratt magħhom. Kellha tkun l-aħħar darba li Mintoff ra l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fiż-Żejtun għaliex ftit tax-xhur wara l-Mulej sejjaħlu għandu. Kumbinazzjoni dakinhar jien fettilli flok il-kullar ta' qassis nilbes l-ingravata tal-Passjoni ta' Ġesu' li ħarġu d-dilettanti Żwieten.

**Ir-rabta ta' Mintoff ma' Bormla**

Il-funeral ta' Mintoff li sar f'diversi parroċċi; il-belt Valletta, Bormla u l-Hamrun u ġibed lejh eluf kbar ta' nies. Iżda mid-dehra ftit kienu jafu li Mintoff kellu rabta wkoll maż-Żejtun. Veru li l-akbar rabta li kellu, rabta li hu kien jgħożż ħafna kienet bir-raġun ma' Bormla; belt twelidu. Kien propju nhar is-6 t'Awwissu 1916 li hu twieled hemm. L-att tal-magħmudija jsemmih bħala bin Fredrick Mintoff u Maria Conċetta imwieleda Farrugia. Rabta oħra tal-Perit Mintoff ma' Bormla hi dik tal-50 sena mill-inkurunazzjoni tal-kwadru tal-kor tal-knisja kolleġġata u parrokkjali ta' Bormla. Fl-1955 Duminku Mintoff kien il-Prim Ministru ta' Malta u kien mitlub bħala Bormliż u l-aktar bniedem importanti għal Malta dak iż-żmien, biex iġorr il-kuruna tad-deheb li kellha titqiegħed fuq ras il-Verġni Marija. Mintoff ħa ħsieb ir-rikostruzzjoni ta' Bormla wara t-Tieni Gwerra Dinjija u għal aktar minn ħamsin sena kien il-president tal-Banda San Ġorġ.



**Iż-Żwieġ ta' Mintoff fiż-Żejtun**

Biss f'dan l-istudju jien nixtieq nikkomemora lil Duminku Mintoff b'mod ieħor billi nitkellem dwar konnessjoni oħra li Mintoff kellu ma' Bormla qabel ngħaddi għal dik maż-Żejtun. Hu kien ħabib



intimu ta' wieħed mill-kanonċi tal-Kolleġġata ta' Bormla, Dun Ġwann Vella li kien propju l-qassis li żewweġ lil Duminku Mintoff fiż-Żejtun. Naraw kif u għaliex ġara dan. Mintoff iżżewweġ lil Moyra De Vere Bentinck, bint Reginald Joseph u Florence, imwielda Beanclerk. Moyra twieledet f' Chatam, l-Ingilterra fit-12 ta' Lulju 1917. Allura kienet sena biss iżgħar minn Duminku. Iżżewġu fil-Kappella tal-Madonna tal-Hniena f'Bir id-Deheb, lokalita' li tinsab fin-nofsinhar taż-Żejtun qrib Hal Għaxaq. Iż-żwieġ tagħhom sar fit- 22 ta' Novembru 1947 allura fit-Tridu tal-festa ta' Santa Katerina, festa li dak iż-żmien kienet tkun iċċelebrata nhar il-25 ta'

*Ikompli....*



Novembru. Ix-xhieda kienu Espeditu Gatt u Emanuel Tabone, it-tnejn joqogħdu Raħal Ġdid. Iż-żwieġ sar bil-kwiet iżda kien mument li ma jintesiex fl-istorja politika u soċjali tal-gżejjer Maltin għaliex Mintoff kellu jkun il-futur Prim Ministru ta' Malta għal bosta snin u bennej tas-servizz soċjali kbar favur il-ħaddiema u l-foqra. Wara s-sagrament taż-żwieġ, Dun Ġwann Vella kien offra lill-għarajjes ġodda trattament ċkejken fid-dar tiegħu. Duminku kien



iltaqa' ma' Moyra meta kien jistudja fl-Universita' ta' Oxford, l-Ingilterra. Hu kellu "Rhodes Scholarship" li kien borża ta' studju li kienet tingħata lil xi student fil-"CommonWealth"li kienu jippromettu ħafna minħabba l-intelligenza kbira tagħhom. Mintoff kien ġie lura f'Malta fis-sena 1944.

### Il-Ħbiberija bejn il-Perit Mintoff u l-Kanonku Dun Ġwann Vella

Forsi ftit jafu għala Duminku Mintoff għażel lill-Kanonku Vella biex jassisti għaż-żwieġ tiegħu jew kif inħobbu ngħidu biex iżewġu.Dun Ġwann kien magħruf l-aktar bl-isem ta' Dun Ġwann jew bħala l-Kanonku Vella. Meta sar iż-żwieġ, hu kien il-Kanonku Primiċerju, jiġifieri wieħed mid-dinjitarji tal-Knisja Kolleġġata ta' Bormla. Mintoff u Vella kienu saru ħbieb ta' xulxin l-aktar li l-kappella tal-Madonna tal-Ħniena fiż-Żejtun kien jagħmel minnha l-Primiċerju Vella. Iżda qabel nitkellmu dwar dan ejjew naraw min kien Dun Ġwann Vella. Hu kien twieled f'Bormla f'Novembru tas-sena 1892 u allura kien erbgħa u għoxrin sena akbar minn Duminku Mintoff. Bħalma sejjer nispjega aktar 'l isfel mhux biss kienu saru ħbieb, iżda wkoll il-Kanonku Vella kien sar ammiratur kbir tal-perit Mintoff minħabba r-riformi soċjali li dan tal-aħħar wettaq.

Għalkemm twieled f'Bormla, il-Kanonku Vella qatta' l-parti l-kbira ta' ħajtu fiż-Żejtun. Kien ġie ordnat saċerdot fl-20 ta' Settembru 1919 u beda l-appostolat tiegħu bħala membru tas-Soċjeta` Missjunarja ta' San Pawl. Meta spiċċa minn din is-Soċjeta', hu nħatar Viċi Kappillan taż-Żejtun, fejn allura ġie joqgħod m'oħtu Tereża. Fis-sena 1937 hu sar rettur tal-kappella tal-Madonna tal-Ħniena f'Bir id-Deheb. F'din il-kariga dam kważi wieħed u erbgħin sena. Minn Triq Santa Katerina fiż-Żejtun fejn għall-ewwel kien joqgħod, hu wara mar fi Triq San Girgor viċin id-Domus. Barra l-ħafna ġid spiritwali u karitajiet li għamel, Dun Ġwann bena wkoll il-knisja spazjuża preżenti "Tal-Ħniena" u d-dar għar-rettur tagħha llum użata għat-tagħlim tad-Duttrina. Temm il-ħatra ta' rettur ta' din il-knisja fl-1976, meta kellu 83 sena. Sadattant kull nhar ta' Ħadd kien imur Bormla biex iqaddes il-quddies ta' nofsinhar. Miet nhar il-15 ta' Jannar 1984, fl-eta` avvanzata ta' 91 sena.

Il-funeral sarlu fil-knisja "Tal-Ħniena" mimlija nies. F'din il-quddiesa funebri kien ikkonċelebrat madwar ħamsin saċerdot ħaġa li qatt ma ġrat qabel u qatt ma ser terġa' tiġi fil-knisja ta' Bir id-Deheb. Dan kien sinjal ċar tal-istima kbira li Dun Ġwann kien igawdi. Ġie midfun fiċ-ċimiterju ta' San Girgor. Mhux ta' b'xejn li Dun Ġwann kien daqshekk maħbub. Kien iz-ziju tal-Patri Ġiżwita Dun Arthur Vella saċerdot imfittex ħafna għall-irtiri u d-direzzjonijiet spiritwali. Biagio Vella neputi ieħor ta' Dun Ġwann kiseb id-dirDettorat fil-Grieg u l-Latin u kien jgħallem dawn is-suġġetti fl-Universita`.
Fuq kollox, il-Kanonku Vella kien iħobb ħafna lill-ħaddiema l-istess, bħal Perit Mintoff u kien ukoll direttur spiritwali tal-Għaqda Banda Żejtun. Kellu karattru dħuli u ċajtier u baqa' msemmi għall-mod eżemplari ta' kif kien jaqdi dmirijietu b'mod speċjali fl-assistenza tal-moribondi.

### Tal-Ħniena milquta fil-gwerra

L-isem "Bir id-Deheb" m'għandu l-ebda rabta mal-ħofra li fiż-żmien il-Franċiżi, iż-Żwieten ħbew hemmhekk xi deheb tal-knisja ġewwa fih. Fil-fatt l-isem ta' din iż-żona kien diġa` jeżisti qabel il-Franċiżi ġew Malta. Dan l-isem mhu xejn ħlief korruzzjoni ta' "Bur id-Dihib" jew jew ta' "Bir Dueb". "Bur" tfisser qasam u "dib" tfisser hija xitla. Il-kappella tal-Madonna tal-Ħniena fejn il-Kanonku Vella żewweġ lill-Perit Duminku Mintoff mhix il-knisja spazjuża li tagħha rettur hu Dun Remiġ Saliba, iżda l-kappella ċkejkna li għadha teżisti u wieħed

*Ikompli....*



jista' jaraha hekk kif jidħol fil-knisja mill-bieb prinċpali.

Kienet kappella mill-aktar grazzjuża mibnija fuq disinn barokk perfett mill-Imgħallem Żejtuni Mastru Toni Carabott meta kien rettur Dun Ġwann Tabone, saċerdot ta' fama qaddisa. Dan Toni Carabott kien magħruf bil-laqam ta' "Il-Pernoċċu". Hu bena kappellla ġawhra tal-arkitettura bis-saqaf nofs tond (barrel vault) u b'dik il-ħlewwa ta' arkati. L-eżattezza tal-pjanta u l-preċiżjoni tal-qisien huma xi ħaġa li tiskantak. Il-Perit Mintoff kien ammiratur ta'din il-kappella żgħira kif qaltli Ms. Victoria Bianco illum residenti fid-Dar tal-Anzjani hawn fiż-Żejtun. Illum Vitor għandha 'l fuq sew minn disgħin sena. Mhux l-ewwel darba li qaltli li l-Perit Mintoff kien jgħaddi l-ħin jitgħaxxaq bis-sbuħija ta' din il-kappella li sfortunatament kienet ġiet milquta matul it-Tieni Gwerra Dinjija mill-ajruplani tal-għadu Nazista nhar it- 2 ta' Jannar 1942. Matul din il-gwerra (1939 – 1945) numru ta' suldati Ingliżi kienu stazzjonati mhux 'il bogħod minn Tal-Hniena. Fil-fatt meta l-kappella ntlaqtet mill-għadu Ġermaniż hija kienet għadha mżejna bl-armar tal-Milied. Fuq l-altar kien għad hemm l-istatwa tal-Bambin Ġesu'. Waħda mill-bombi tal-għadu ġarfet is-saqaf tal-kappella iżda l-istatwa tal-Bambin ma ġarbitx ħsara.

**Tal-Hniena tlaqqa' lill-Perit Mintoff mal-Kanonku Vella**

Kien bis-saħħa ta' dan l-inċident li l-Perit Mintoff u Dun Ġwann Vella saru tant ħbieb. Kienet din il-ħbiberija li waslet lill-Perit Mintoff biex jgħid lil dan il-Kanonku Bormliż biex iżewġu propju f'din il-kappella. Biex jirrestawrawha, Vella kien kellem lil Mintoff stess perit żagħżugħ dak iż-żmien u magħruf għall-kapaċita` tiegħu. Mintoff kien inkarigat mill-War Damage Department u allura seta' jgħin biex il-Kanonku Vella jsib il-mezzi finanzjarji ħalli jirranġa din il-kappella. Hekk bħala perit, Mintoff ħa ħsieb ir-rikostruzzjoni tagħha.

Hadd ma jieħu pjaċir b'inċidenti li jikkawżaw ħsara u saħansitra mwiet ta' persuni innoċenti, għalkemm fl-attakk fuq Tal-



Hniena li sar bil-lejl ħadd ma weġġa'. Iżda kien jgħid il-Malti "Kull deni ħudu b'ġid". Dan ir-raid kien li ressaq lill-Perit Duminku Mintoff u l-Kanonku Vella lejn xulxin u wassal biex tnissel ħbiberija li ma mietet qatt. Duminku Mintoff Bormliż tal-Verġni Marija Immakulata, iżżewweġ f'kappella Żejtunija ddedikata lill-Verġni Marija tal-Hniena mibnija biex dawk li huma mtaqqlin u mħabbtin b'permezz tat-talb isibu l-għajnuna li jkollhom bżonn.

**Pjazza Duminku Mintoff**

Wara li s-sena li għaddiet il-Perit Mintoff ħalla din id-dinja u l-gżira Maltija, kien sar fiż-Żejtun xi kliem dwar kienx ikun waqt li triq jew misraħ fiż-Żejtun tissemma' għalih. Mela Le ! Hekk jixraq. Iżda liema triq ? L-aħjar kieku tkun xi triq ġdida, biex jinħolqux kontroversji mad-Dipartiment tal-Gvern, bħall-posta eċċ. Forsi tkun iżda ħaġa sabiħa li l-Kunsill Lokali ż-Żejtun jinsisti biex il-wesgħa madwar il-knisja preżenti tal-Madonna tal- Hniena f'Bir id-Deheb tkun imsemmija "Pjazza Duminku Mintoff".

LEO IRONMONGERY
38, Triq Toni Zahra, Zejtun ZTN 1500
Tel/Fax: 2167 3493 • Mob: 7970 4475
Macpherson TRADE PAINTS
MACPHERSON TINTING CENTRE
OVER 5000 COLOURS AVAILBALE
PLUMBING, ELECTRICAL GOODS & POWER TOOLS.